**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neil Harrison)**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

***Omissis***
**Antonio Gatt**
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***

Numru 33/2016

Illum 11 ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

*Omissis*

**Antonio Gatt**, ta' tnejn u hamsin (52) sena, iben Joseph u Rita neé Attard, imwieled Paola fl-24 ta' Novembru 1948, residenti fil-fond

35, Triq Ninu Cremona, Paola, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 1020448(M)

*Omissis*

*Omissis*

*Omissis*

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' April 2001, u fl-ahhar granet qabel din id-data:

a. assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni;

b. importa jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, hlief skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

c. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi l-akkuzi kollha fuq imsemmija (a), (b) u (c) fil-konfront tal-imputat *Omissis* u Antonio Gatt ikopru wkoll il-perjodu 23 ta' April 2001 u l-ahhar xhur ta' qabel dik id-data.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "CSH 2" – *a fol.* 5) datat 24 ta' April 2001 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 790/01 (Dok. "RS" – *a fol.* 31 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Noel Cuschieri liema Process Verbal jirrigwarda sejba ta' aktar minn 2.2 kilogrammi ta' kokajina f'pakkett postali.

Rat illi, fil-21 ta' Mejju 2002, l-Avukat Generali pprezenta quddiem il-Qorti Kriminali Att ta' Akkuza bin-Numru 7/2002 fil-konfront ta' Laurence Gatt u Antonio Gatt (*a fol.* 1293 *et seq.*).

Rat illi, in segwitu ta' Rikors ipprezentat fit-12 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 1491 *et seq.*) mill-imputat Antonio Gatt, fit-30 ta' Lulju 2015 il-Qorti Kriminali ddegretat is-segwenti: "*Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-talba tar-rikorrenti jisthoqqilha akkoljiment, b'dan ghalhekk illi l-Qorti tordna li r-rikorrenti ghandu jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-*

*Magistrati (fil-kompetenza kriminali taghha) u tordna wkoll illi l-proceduri ghandhom hemmhekk jitkomplew fl-istadju precedenti l-eghluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha l-opportunita' tressaq dawk il-provi kollha li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz"* (*a fol.* 1557-1558).

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 1564), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduti tas-16 ta' Marzu 2017, tal-15 ta' Gunju 2017 u tas-7 ta' Novembru 2017, lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018, lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 1642).

Rat it-traskrizzjoni tad-depozizzjoni moghtija mill-eks Assistent Kummissarju Neil Harrison (Dok. "A" – *a fol.* 1644 *et seq.*) u rat dak verbalizzat fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 (*a fol.* 1651) fejn kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza qablu li d-depozizzjoni msemmija ghandha tikkostwixxi ruhha bhala prova f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-2 ta' April 2018 (*a fol.* 1652 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' April 2018, is-sottomissjonijiet bil-fomm tad-difiza (*a fol.* 1661 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni <u>u li jikkoncernaw lill-imputat Antonio Gatt</u> u dana *stante* li l-proceduri kriminali odjerni kienu originarjament

ukoll kontra erba' imputati ohra u cioé Laurence Gatt, Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001, xehdet **Rita Saliba** (*a fol.* 29 *et seq.*) f'isem ir-Registratur tal-Qorti fejn ezebiet Process Verbal (Dok. "RS" – *a fol.* 31 *et seq.*) bin-Numru 790/01 dwar sejba ta' aktar minn 2.2 kilogrammi ta' kokajina f'pakkett postali liema Process Verbal gie redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Noel Cuschieri.

**Rita Saliba** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2002 (*a fol.* 1253 *et seq.*) fejn ezebiet kopja legali ta' Mandat ta' Qbid bin-Numru 325 tas-sena 2001 fl-ismijiet **Registratur tal-Qorti vs. Ruben Sciclina**, li gie mmarkat bhala Dok. "RS 1" (*a fol.* 1255 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001, xehdu wkoll l-i**Spizjar Mario Mifsud** u l-i**Spettur John Charles Ellul** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom in segwitu tal-inkarigu moghti lilhom mill-Magistrat Inkwirenti, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "MJ 1" (*a fol.* 72 *et seq.*). Ezebew ukoll formalment bhala Dok. "MJ 2" l-ezebiti li jinsabu elenkati dettaljatament fir-relazzjoni taghhom. Fir-relazzjoni msemmija, l-iSpizjar Mario Mifsud kkonkluda s-segwenti:

(a) "Li fit-trab safrani li kien hemm fid-dokument AXR03K, u li minnu gew analizzati erba' kampjuni, dokument AXR04K, ma nstabux fihom sustanzi llegali;

(b) Li fit-trab bajdani li kien hemm fid-dokumenti AXR03A1, 03B1, 05A, 05B, u 06A1, f'ammont nett totali ta' 2225.3 grammi, u li minnhom gew mehuda kampjuni ghall-analizi (dokumenti AXR03A2, 03B2, 05A1, 05B1, 06A1) taw kollha rizultat pozittiv ghall-kokajina. Gie ddeterminat li l-purita' ta' din il-kokajina kienet ta' cirka 30%. Is-sustanza kokajina hija sustanza li hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta" (*a fol.* 87).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001, rega' xehed l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 101 *et seq.*) fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu in segwitu tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 103 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001, xehed ukoll **PC 516 Alfio Borg** (*a fol.* 121 *et seq.*) fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu flimkien ma' tliet faxxikoli fotografici li gew immarkati minn Dok. "AL 1" sa Dok. "AL 4" (*a fol.* 123 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001, xehed ukoll l-i**Spettur Neil Harrison** (*a fol.* 255 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Marzu 2001 ghal xi s-6.00pm kien gie nfurmat li aktar kien hemm xi *parcel* postali li jista' jkun indirizzat lil xi hadd Portelli mill-Marsa, liema *parcel* x'aktarx origina mill-Kanada u kien issuspettat li kien fih droga. Jghid li l-informazzjoni kienet tghid ukoll li dan il-*parcel* seta' kien iddikjarat bhala *auto parts*. Jispjega li fis-27 ta' Marzu 2001 mar il-*branch* tal-Maltapost tal-Hamrun fejn wara ftit hin waslet xkora bil-*parcels* fejn wiehed minnhom kien qisu daqs kaxxa tax-xorb u kien indirizzat lil Joe Portelli, 2, Clan Stable Lane, Racecourse Street, Marsa, Malta, Europe. Jghid li fuq il-*parcel* kien hemm indikat li kien inxurjat, li kien intbaghat mill-Kanada fl-20 ta' Marzu 2001, li kien dikjarat bhala *auto parts* u li kien indikat fuqu li kien intbaghat minn xi hadd Norman Borg, 3201, Dundas Street, West Ontario, Kanada. Spjega x'ghamel, fejn, fost l-ohrajn gie nfurmat il-Magistrat Inkwirenti Dr. Noel Cuschieri li awtorizzah li ssir konsenja kkontrollata *ai termini* tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li l-pustier li jqassam f'dik iz-zona qallu li f'dak l-indirizz ma kien hemm hadd joqghod bl-isem ta' Joe Portelli. Spjega li saru tentattivi biex il-*parcel* jigi mqassam u li minkejja li fit-28 ta' Marzu l-pustier kien qassam l-Avviz fl-indirizz fir-residenza li hemm f'dak l-isqaq pero' hadd ma gabar il-*parcel*. Spjega li l-Magistrat ta ordni li jinbena *parcel* iehor simili ghall-originali, kemm esternament u kif ukoll fil-piz tieghu. Ezebixxa sittax-il ritratt li gew immarkati bhala Dok. "NH 1". Jghid li l-pustier Christopher Delia qassam Avviz iehor fl-istess indirizz fejn kien qassam l-ewwel wiehed. Jispjega li peress li l-*parcel* baqa' ma ngabarx, ghamel investigazzjonijiet u rrizultalu li l-indirizz kien jigi sqaq ma'

Racecourse Street, il-Marsa faccata tal-korsa taz-zwiemel tal-Marsa fejn jghid li kien hemm zewg postijiet. Jghid li fil-post li jidher li kien residenza kien joqghod xi hadd Camilleri, filwaqt li fil-post ta' hdejh li kienu stalel, sab li kellhom konnessjoni maghhom certu Simon Xuereb, kif ukoll missieru Philip Xuereb. Stabbilixxa li Simon Xuereb kien habib u kien ikun ta' spiss ma' certu Norman Bezzina, li kien ghamel zmien twil jghix il-Kanada u li baqa' jmur il-Kanada tant li xi xahar qabel kien ghadu kemm irritorna lura minn hemm. Jghid: *"Ghal dawn ir-ragunijiet u ghall-fatt ukoll li anke mal-istalla l-postman kien qalli li hemm xi letter box imwahhla mal-bieb tal-istalla u li ricentement kienet giet irrangata s-suspett kien sar illi fil-fatt l-ittra kienet indirizzata ghall-post tal-istalla u mhux ghall-post tar-residenza tal-isqaq"* (*a fol.* 263). Jixhed li fl-10 ta' April 2001 il-pustier kien inkarigat sabiex l-Avviz ghall-pakkett ma jindirizzahx ghall-post ta' fejn hemm residenza izda fil-kaxxa tal-ittri ta' dik l-istalla tal-istess sqaq. Jghid ukoll li sar *final notice* minn pustier iehor fid-19 ta' April 2001 fil-kaxxa tal-ittri tal-istalla. Minkejja dan kollu, il-pakkett baqa' ma ngabarx. Spjega li fit-23 ta' April 2001, il-ko-imputat Ruben Scicluna kien qed isuq il-vann tal-Posta lejn il-*branch* tal-Hamrun u wara li hatt xi posta u ha xi posta l-vann dar mal-blokk u waqaf quddiem l-entratura principali tal-Posta u hekk kif ra lill-impjegat iehor Paul Tanti, ghajjatlu u ghaddielu karta li x-xhud stess setgha jara li kienet Avviz ghall-pakkett, pero' ma setghax jara jekk kinitx l-istess Avviz ta' dak il-pakkett in kwistjoni. Jghid li Tanti dahal gewwa, avza lil PC 1301 li kien gewwa u qallu li kien hemm bniedem li mar biex jogbor il-pakkett. Jghid li gie nfurmat b'dan ukoll minn PC 1301. Jghid li ra lil Ruben Scicluna hiereg bil-pakkett f'idu u dahal bih fil-vann. Jixhed li Scicluna gie ntercettat fl-inhawi ta' San Bastjan f'Hal-Qormi fejn il-pakkett instab quddiem gol-vann stess, precizament mal-art hdejn ix-xufier. Jghid li fuq il-karta li biha Scicluna mar jirtira l-pakkett kien hemm il-firma ta' Ruben Scicluna u li dan id-dokument kien l-Avviz li tqassam fl-10 ta' April fil-kaxxa tal-ittri tal-istalla tal-isqaq in kwistjoni. Dan l-Avviz gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "NH 2". Spjega x'qallu Ruben Scicluna fejn qal li kien inghata Avviz biex jirtira dan il-pakkett minn certu Carmel Cassar u ezebixxa *business card* li giet immarkata bhala Dok. "NH 3" ta' dan il-persuna murija minn Scicluna. Jghid li Scicluna kien lest li jikkoopera mal-Pulizija billi

jcempel lil Carmel Cassar, Scicluna cempillu u ftehmu kif kellu jigi mqassam dan il-pakkett u li dan kellu jigi mqassam fil-parkegg tal-ajruport f'Hal-Luqa. Jghid li meta dan il-pakkett kien ser jigi mqassam marru Mark Cassar u Jonathan, it-tfal ta' Carmel Cassar fejn Scicluna ghadda l-pakkett lil Mark Cassar u l-imsemmi Cassar ghadda ghoxrin lira Maltin (Lm20.00) lil Ruben Scicluna, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "NH 4". Jghid li ftit tal-hin wara, Mark Cassar gie osservat fil-vettura flimkien ma' Jonathan Cassar javvicinaw vettura ohra li kienet fl-istess parkegg, pero' ftit il-boghod. Jghid li din il-vettura kienet Hyundai Accent ta' kulur ahdar bin-numru ta' registrazzjoni AAA 205 fejn fiha kien hemm bil-qieghda Antonio Gatt. Jghid li Mark Cassar ghaddielu l-pakkett u saq 'l hemm u Antonio Gatt pogga l-pakkett fil-*boot* ta' wara tal-vettura tieghu, rikeb fil-vettura u hekk kif kien ser johrog mill-parkegg tal-ajruport gie mwaqqaf mill-Pulizija. Jghid li Antonio Gatt gie arrestat u li f'hin minnhom gie osservat jarmi karta zghira fejn fuqha kien hemm miktuba zewg numri tat-telefon (663642 u 09496805) u li fejn l-ahhar numru kien hemm mitkub l-isem Charlie [Carmel] Cassar. Dan id-dokument gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "NH 5". Jghid li Mark u Jonathan Cassar gew arrestati u li gie arrestat ukoll Laurence Gatt li jigi hu Antonio Gatt. Jghid li Laurence Gatt joqghod 20, Triq il-Kurcifiss, l-Isla u meta PC 10, PC 213 u PC 1013 marru biex jaghmlu tfittxija sabu l-*final notice* li l-pustier kien imposta dwar l-istess pakkett fid-19 ta' April 2001. Jixhed: *"Fil-fatt sibna l-final notice l-originali li nstabet fuq gwardarobba fir-residenza ta' dan Lorry [Laurence] Gatt u maghha wkoll kien hemm xi karta dwar xi flus li kien issellef dan Lorry [Laurence] Gatt. Dawn iz-zewg karti l-final notice kif ukoll din il-karta ta' xi dejn ta' flus gew elevati mill-Pulizija u mghoddija lili aktar tard. Fl-istess residenza l-Pulizija sabet ukoll karta li fuqha kien hemm miktub Norman u 09428714 kif ukoll numru iehor 465827. Kif diga ghidt din instabet ukoll fir-residenza ta' Lorry [Laurence] Gatt. Dawn gew elevati u mghoddija lili u Lorry [Laurence] Gatt gie arrestat ghal aktar stharrig"* (*a fol.* 272). Ezebixxa t-tliet karti li semma li gew immarkati bhala Dok. "NH 6". Jghid li fl-istess gurnata saret tfittxija fir-residenza ta' Antonio Gatt fejn PC 579 eleva tliet bicciet karti li fuqhom kien hemm jidhru diversi numri tat-telefon. Jixhed *"Fil-fatt fuq karta minnhom hemm miktub Leli home u n-numru 443810. U f'karta ohra hemm in-numri 663642 u*

*numru iehor 224421/234. U karta minnhom hemm in-numru 663642 u hdejh hemm miktub Lorry u hemm hemm numru iehor 0945 6065. Dawn qed jigu ezebiti u mmarkati bhala Dok. "NH 7" (a fol.* 272). Jghid li aktar tard ordna l-arrest ta' Carmel Cassar, missier Jonathan u Mark Cassar u li l-ghada Carmel Cassar minn jeddu ghaddielu l-ewwel Avviz li tqassam u li kien datat 10 ta' April, li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "NH 8". Jghid li fl-24 ta' April 2001 flimkien mal-iSpettur Norbert Ciappara ordnaw li jsir l-arrest ta' Simon Xuereb u Norman Bezzina, it-tnejn minn Haz-Zebbug fejn saru xi tfittxijiet fir-residenzi taghhom. Jghid li l-Ufficjal tal-Posta Emanuel Gauci gie arrestat u nvestigat ukoll.

Jixhed li meta nfethet il-kaxxa originali fiha kien hemm madwar zewg kilogrammi u 225 grammi tas-sustanza kokajina.

Jghid li hu ha l-istqarrija ta' Antonio Gatt. Jghid x'qallu f'din l-istqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "NH 9" (*a fol.* 293 *et seq.*). Ezebixxa wkoll il-fedina penali ta' Antonio Gatt u estratt mill-att ta' twelid tieghu li gew immarkati bhala Dok. "NH 10" (*a fol.* 298) u Dok. "NH 11" (*a fol.* 299) rispettivament.

Jghid li kellem ukoll lil Laurence sive Lorry Gatt u lil Carmelo Cassar. Jghid x'qalulu fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "NH 12" u Dok. "NH 15" (*a fol.* 300 *et seq.* u *a fol.* 308 *et seq*). Ezebixxa wkoll il-fedina penali taghhom u estratti mill-att ta' twelid taghhom li gew immarkati bhala Dok. "NH 13" (*a fol.* 304), Dok. "NH 14" (*a fol.* 307), Dok. "NH 16" (*a fol.* 311) u Dok. "NH 17 (*a fol.* 312).

Ezebixxa wkoll il-fedina penali u estratti mill-att ta' twelid ta' Ruben Scicluna u Mark Cassar li gew immarkati bhala Dok. "NH 18" (*a fol.* 313), Dok. "NH 19" (*a fol.* 314), Dok. "NH 20" (*a fol.* 315) u Dok. "NH 21" (*a fol.* 316).

Spjega li kien investiga wkoll lil Norman Bezzina u lil Simon Xuereb. Jixhed: *"Wara din l-istqarrija kemm Simon Xuereb kif ukoll Manwel [Emanuel] Gauci li huwa l-Ufficjal tad-Dwana kkonfermaw l-istqarrija tieghu u xehdu bil-gurament quddiem l-istess Magistrat*

*Inkwirenti"* (*a fol.* 286). Ezebixxa numru ta' dokumenti ohra li gew immarkati minn Dok. "NH 22" sa Dok. "NH 27".

In kontro-ezami jghid li l-pakkett kontenenti s-sustanza suspettata droga nfethet fl-24 ta' April 2001 fil-laboratorju forensiku fil-prezenza tal-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti u kif ukoll mill-istess Magistrat Inkwirenti.

**L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Neil Harrison** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001 (*a fol.* 370 *et seq.*) fejn ezebixxa diversi dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JR 1" (*a fol.* 373 *et seq.*), Dok. "JR 2" (*a fol.* 375), Dok. "AV 1" (*a fol.* 376), Dok. "AV 2" (*a fol.* 377), Dok. "AV 3" (*a fol.* 378 *et seq.*), u Dok. "AV 4" (*a fol.* 380 *et seq.*). Jghid li Dok. "AV 3" (*a fol.* 378 *et seq.*) huwa "Avviz ghall-Kunsinna ta' Pakk" mahrug mill-Maltapost. Jixhed: *"Jidher li ghandu timbru 16 ta' Marzu 2001 u hemm miktub "inxjurat", pero' iktar 'l isfel ghandu timbru tal-Parcel Post Office tal-15 ta' Marzu dwar pakkett indirizzat Mr. Joe Portelli, Clan Stable 2, Racecourse Street, Marsa. Jidher li dan il-pakkett il-persuna li mar u hargu l-firma tidher hija T. Gatt, u l-Ufficjal tad-Dwana li ghamel ir-release tieghu kien Emanuel Gauci"* (*a fol.* 371).

**L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Neil Harrison** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001 (*a fol.* 500 *et seq.*) fejn ezebixxa vera kopja ta' karta li giet elevata mir-residenza ta' Norman Bezzina li giet immarkata bhala Dok. "AL 1" (*a fol.* 502 *et seq.*). Jghid li l-original tinsab ezebita fil-proceduri kontra Norman Bezzina.

**L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Neil Harrison** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Awwissu 2001 (*a fol.* 533 *et seq.*) fejn ezebixxa formalment vettura Hyundai Accent Numru bin-numru ta' registrazzjoni AAA 205 li giet immarkata bhala Dok. "AL". Ezebixxa wkoll bhala Dok. "AL 1" *video-tape* li fih hemm erba' filmati li ngibdu mill-Pulizija: wiehed ittiehed fil-11 ta' April 2001 fil-pjazza tal-Isla, it-tieni ttiehed fl-14 ta' April 2001 fejn il-bini tal-Maltapost Head Office l-Marsa, it-tielet ittiehed fit-23 ta' April 2001

barra l-ufficju tal-Maltapost, il-Hamrun u r-raba' ittiehed fit-23 ta' April 2001 fil-parkegg tal-ajruport l-antik f'Hal-Luqa.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001, xehed ukoll l-i**Spettur Norbert Ciappara** (*a fol.* 321 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub mill-iSpettur Neil Harrison sabiex jassistih fl-investigazzjoni li kien qieghed jaghmel dwar il-pakkett in kwistjoni li kien wasal fil-Posta tal-Hamrun. Jghid li kellem lil Ruben Scicluna. Jghid x'qallu f'din l-istqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "NC 1" (*a fol.* 329 *et seq.*). Jghid li kellem ukoll lil Mark Cassar u spjega x'kien qallu f'din l-istqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "NC 3" (*a fol.* 332 *et seq.*). Jghid li segwitu ta' dak li kien qallu Mark Cassar, rega' kellem lil Ruben Scicluna u ezebixxa t-tieni stqarrija rilaxxata minn Ruben Scicluna li giet immarkata bhala Dok. "NC 4" (*a fol.* 335 *et seq.*). Jghid li sussegwentement kien involut ukoll fl-investigazzjoni ta' Simon Xuereb u Norman Bezzina.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001, xehed ukoll **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 337 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tat-23 ta' April 2001 kien flimkien ma' PC 213, 579 u 536 fl-inhawi tal-Posta tal-Hamrun. Jghid li x-xufier Ruben Scicluna kien gabar pakkett, dahal fil-vann, beda jsuq u huma bdew isegwuh sakemm gie mwaqqaf minnhom f'Hal-Qormi. Jghid li fil-vann kien hemm il-*parcel*. Jghid x'qallu Ruben Scicluna u x'qallu Carmel Cassar. Spjega kif il-pakkett spicca ghand Antonio Gatt. Jghid li flimkien mal-iSpettur Neil Harrison marru l-belt Valletta biex jarrestaw lil Jonathan Cassar u lil Mark Cassar. Jixhed li ghamel tfittxija fil-fond 20, Triq il-Kurcifiss, l-Isla ghand Laurence Gatt fejn PC 213 eleva karta minn fuq il-gwardarobba li kienet tindika *final notice* biex jingabar *parcel* mil-*post office*. Jghid li gew elevati wkoll xi karti ohra li gew mghoddija lill-iSpettur Neil Harrison. Jghid li ghamel ukoll tfittxija fir-residenza ta' Simon Xuereb fejn minn gol-kaxxa tal-*meter* tad-dawl tal-fond eleva Lm2,300 fi flus, xi karti u xi *envelopes* u affarijiet simili.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, xehed **PC 579 Antoine Micallef** (*a fol.* 382 *et seq.*) fejn spjega li fil-11 ta' April 2001 ghall-habta tal-11.30am kellu struzzjonijiet sabiex imur il-pjazza tal-Isla fejn kellha

ssir laqgha bejn xi nies imdahhlin fid-droga. Jghid li kien hemm Laurence Gatt, mar certu Norman Bezzina isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBJ 172 u mieghu kien hemm Simon Xuereb. Jghid li malli waslu fuq il-post, Laurence Gatt mar fuq il-vettura, Norman Bezzina ghaddielu xi haga, u aktar tard Norman Bezzina ghaddielu karta, Gatt twieha u dahhalha fil-but. Jghid li ta' dan gibed filmat li ghaddieh lill-iSpettur Harrison. Jixhed li fit-23 ta' April 2001 gie mwaqqaf Ruben Scicluna li gie arrestat u li giet elevata l-kaxxa. Jispjega li, aktar tard, mar flimkien ma' PC 10 fil-parkegg tal-ajruport f'Hal-Luqa, fejn kien hemm Ruben Scicluna li ghadda l-kaxxa lil Jonathan Cassar u Mark Cassar fejn l-imsemmija Cassar telqu bil-vann, regghu daru u regghu dahlu fil-parkegg, iltaqghu ma' Antonio Gatt u ghaddewlu l-kaxxa. Jghid li Antonio Gatt gie mwaqqaf hekk kif kien hiereg fejn mill-bagoll giet elevata l-istess kaxxa. Jghid li saret tfittxija fir-residenza ta' Carmel Cassar fejn gew elevati xi karti, saret tfittxija fir-residenza ta' Norman Bezzina minn fejn gew elevati wkoll xi karti u dokumenti. Jghid li gew elevati ukoll xi karti anke mir-residenza ta' Antonio Gatt.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-karti li gew elevati mit-tfittxija li saret fir-residenza ta' Antonio Gatt kienu jikkontjenu xi numri tat-telefon ta' xi nies.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, xehed ukoll **PS 673 Joseph Mallia** (*a fol.* 389 *et seq.*) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Noel Cuschieri. Huwa ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 391 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, xehed ukoll **PC 516 Alfio Borg** (*a fol.* 445 *et seq.*) fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu li tikkonsisti f'*video* li ha hu stess u li huwa msemmi fir-relazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 446 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, xehed ukoll **PC 1301 Mario Farrugia** (*a fol.* 448 *et seq.*) fejn spjega li fit-23 ta' April 2001 kien mar xi hadd biex jigbor il-*parcel* in kwistjoni mill-*post office*. Jghid: *"Haddiema t'hemm gew ippikkjaw il-parcel. Dan il-haddiem jismu Paul*

*Tanti. Qabel ma ppikkja l-parcel lili qalli li kienu gew xi nies ghall-parcel"* (*a fol.* 449). Jghid li Paul Tanti kien jaf bl-operazzjoni tal-Pulizija fejn Tanti ghadda dan il-*parcel* lil certu Ruben Scicluna li pogga l-*parcel* fil-vann tal-Posta stess. Jghid li lil Scicluna kien jarah peress li kien imur bix-xoghol u kien jiehu x-xoghol tal-Posta. Jghid li hu kien involut fit-tfittxija li saret fir-residenza ta' Antonio Gatt fejn jghid li hu ma eleva xejn. Jghid li mar l-ajruport il-qadim u li kien flimkien mal-iSpettur Neil Harrison fejn giet intercettata vettura li fiha kien hemm Antonio Gatt, f'liema vettura nstab il-pakkett. Jghid li malli Antonio Gatt nizel mill-vettura, huwa rema karta li fiha kien hemm zewg numri tat-telefon.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, xehed ukoll **PC 213 Nikolai Borg** (*a fol.* 453 *et seq.*) fejn spjega li fit-23 ta' April 2001 gie mwaqqaf vann tal-Posta f'Hal-Qormi fejn fih kien hemm Ruben Scicluna u li fuq in-naha tal-passiggier kien hemm *parcel* kbir. Jghid li Ruben cempel lill-burdnar u ftiehem mieghu li jiltaqghu fil-parkegg tal-ajruport u li kellu jmur it-tifel. Jghid li kien mistohbi fil-vann flimkien ma' PC 536 u Ruben Scicluna, marru l-ajruport l-antik, Ruben nizel mill-vann u semghu jghid li kien mghaggel u li kif rikeb, Ruben qallu: *""tani Lm20""* (*a fol.* 454). Jghid li saret tfittxija ghand Laurence Gatt fl-Isla fejn fil-kamra tas-sodda, fuq il-gwardarobba, instabet karta *final notice* li giet elevata. Jghid li saret tfittxija wkoll ghand Carmel Cassar u Simon Xuereb fejn gew elevati xi affarijiet u li t-tfittxija li saret ghand Emanuel Gauci rrizultat fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, xehed ukoll **Simon Xuereb** (*a fol.* 456 *et seq.*)[1] fejn spjega li ghandu xi stalel fl-inhawi tal-korsa taz-zwiemel il-Marsa. Jghid li Norman Bezzina kien habib tieghu li qallu sabiex kif hu (Xuereb) jircievi xi karta biex xi hadd jirtira xi *parcel* mill-Posta, jaghtiha lilu. Jghid li hu (Xuereb) ma jafx jaqra u li l-indirizz fl-istalel ma jafux u li Norman Bezzina talbu l-indirizz u hu (Xuereb) talab lil dak ta' fuqhom bl-isem ta' Karmnu sabiex jiktiblu l-indirizz, dan kitbu u hu (Xuereb) ghaddieh lil Bezzina. Jghid li accetta peress li kien weghdu li kien ser igiblu xi affarijiet

[1] Waqt din is-seduta, il-Qorti diversament preseduta ordnat li d-depozizzjoni ta' Simon Xuereb tigi sospiza *stante* li x-xhud imsemmi hassu hazin waqt li kien qieghed jixhed (*a fol.* 368).

ghaz-zwiemel ukoll. Jghid li ma ssuspettax hazin u li barra l-istalla kellu kaxxa tal-ittri. Jghid li rcieva xi karti li ghaddiehom lil Bezzina. Jixhed li jaf li Norman Bezzina ghadda wahda miz-zewg karti li tah lil Laurence Gatt u jispjega li marru l-pjazza tal-Isla bil-vettura ta' Norman u li Norman kemm ghadda l-karta lil Laurence Gatt biss u li ma ntqal l-ebda kliem. Jghid li kien hemm zewg *parcels* u li Laurence Gatt lilu (lil Xuereb) ghaddielu l-ewwel *parcel* u mhux it-tieni. Jghid: *"It-tieni karta li gietni kont tajtha lil Norman Bezzina. Imbaghad Bezzina kien taha lil Gatt fil-prezenza tieghi. Nghid li karti b'kollox ircevejt tlieta u mhux tnejn. It-tielet karta wkoll tajtha lil Norman Bezzina. Il-parcel li tani Lorry [Laurence] Gatt kien l-ewwel parcel u mhux it-tieni parcel. It-tieni parcel qabduh il-Pulizija"* (*a fol.* 458).

Jghid li xi gimgha wara li ta l-ewwel *parcel* lil Norman Bezzina, Bezzina qallu li kien fih xi droga. Jghid li wara li tah l-*parcel* Laurence Gatt, huwa (Xuereb) ta l-*parcel* lil Bezzina. Jghid li ta l-pakkett li xi hadd jismu Chalie, li jghidulu c-Ciniz u li c-Ciniz ma tah xejn. Jghid li talli gab il-pakkett minn ghand Laurence Gatt, Bezzina tah Lm1000 u talli ta l-pakkett lil Chalie, Bezzina tah (lil Xuereb) Lm2000. Jaghmel riferenza ghal darba ohra fejn kien qieghed ma' Norman Bezzina u Bezzina ta basket lil xi hadd jghidulu s-"Singis" li kien ma' wiehed Joe. Jghid: *"Meta ta d-droga lis-"Singis" Bezzina kellu zewg pakketti. Nghid illi jiena ma kontx naf li Bezzina kellu d-droga minkejja l-fatt illi beda jghaddili issa Lm1000 u issa Lm2000. Pero nghid illi gie suspett u dana minkejja l-fatt li fix-xhieda tieghi li tajt llum stess f'zewg okkazzjonijiet ghidt illi qatt ma kien dahalli suspett"* (*a fol.* 459).

**Simon Xuereb** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001 (*a fol.* 491 *et seq.*) fejn spjega li hu u Norman ltaqghu ma' Laurence Gatt fl-Isla. Jghid li Norman baqa' hdejn il-vettura u Norman u Gatt tkellmu ftit. Jixhed li Bezzina hareg karta mill-but tal-glekk u taha lil Gatt. Jghid li hu kien prezenti ghal darbtejn ma' Norman meta Norman ta karta lil Laurence Gatt. Jghid: *"Dwar it-tieni parcel li xhedt dwaru meta ltqajna l-Isla naf li kienu qabduh il-Pulizija"* (*a fol.* 492). Jghid: *"Naf li dwar il-parcel li nqabad mill-Pulizija kont mort ma' Norman infittxu lil xi hadd l-Isla. Ahna l-Isla morna nfittxu lil Lorry [Laurence] Gatt. Morna nfittxuh ghaliex Bezzina qalli li*

*ried ikellmu dwar il-parcel. Norman qalli li kellu jmur igib il-parcel minn ghand Lorry [Laurence] Gatt u kien ghalhekk li mar ifittex lil Lorry [Laurence] biex igib il-parcel minn ghandu. Lil Lorry [Laurence] Gatt dakinhar ma sibnihx"* (*a fol.* 492). Jghid li dwar l-ewwel *parcel* li xehed dwaru fis-seduta precedenti, il-*parcel* kien infetah quddiemu (quddiem Xuereb). Jghid li kien fethu Norman fil-hanut tieghu fiz-Zebbug. Jghid li l-*parcel* kien fih qisu hornijiet, jablo u zewg pakketti mdaqqsin u iehor zghir. Jghid li madwar tlett ijiem wara Norman qallu li dawk il-pakketti kienu jikkontjenu d-droga kokajina.

**Simon Xuereb** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 1598 *et seq.*) fejn ikkonferma li l-kaz tieghu kien deciz u li ma kienx hemm appell minnu. Jghid li kien hareg mill-habs u li ghadu bil-*parole*. Jghid li Norman Bezzina kien baghtu biex jigbor *parcel* b'xi affarijiet taz-zwiemel mill-Isla. Jghid li kien iltaqa' mal-imputat Antonio Gatt li tah il-*parcel* u mar jaghtih lil Norman Bezzina u meta Bezzina fethu go fih ma kienx hemm affarijiet taz-zwiemel pero' kien hemm jablo, hornijiet u xi haga ohra li Bezzina qallu li kienet droga. Mistoqsi jghid x'kienet id-diskursata meta mar jiltaqa' ma' Antonio Gatt, jghid li ma jiftakarx ezatt u, aktar tard, mistoqsi jghid jekk jiftakarx jekk kienx hemm diskursata, wiegeb: *"Ma jidhirlhiex taf"* (*a fol.* 1602). Jghid li lil Antonio Gatt ma kien rah qatt qabel hlief dakinhar. Jghid li lil hu Antonio Gatt, cioé Laurence Gatt, kien rah darbtejn il-hanut ta' Norman Bezzina. Jghid li xi zmien qabel Bezzina kien mar il-Kanada u qallu li kif kien ser ikun hemm kien ser igiblu xi haga ghaz-zwiemel. Mistoqsi jghid jekk kellux xi involviment iehor, wiegeb fl-afferrmattiv u qal: *"Kelli wahda ma' llum mejjet, konna iltqajna mieghu karrozza ma' karrozza u tah pakkett Norman Bezzina u telaq u ahna tlaqna jghidlu s-Singis"* (*a fol.* 1609). Jghid li lil Antonio Gatt huwa rah biss dakinhar li mar l-Isla

In <u>kontro-ezami</u> ikkonferma li meta gara dan il-kaz hu gie arrestat u li l-istqarrija li ghamel giet konfermata bil-gurament. Ikkonferma li xehed fil-guri li sar ta' Norman Bezzina. Ghad-domanda: *"Jista' jaghti l-kaz forsi li llum qed taghmel zball u l-memorja tieghek kienet hafna izjed friska meta gejt interrogat, meta xhedt bil-gurament quddiem il-*

*Magistrat, meta xhedt fil-guri ta' Norman Bezzina, meta xhedt fil-kumpilazzjoni kontra l-burdnara milli llum 17-il-sena wara?"* (*a fol.* 1613), wiegeb: *"Illum nista' nkun zbaljat hux mhux dakinhar"* (*a fol.* 1613).

In ri-ezami, meta gie mistoqsi jghid ma' min iltaqa' ezatt meta mar l-Isla, jekk hux ma' Laurence Gatt jew Antonio Gatt, wiegeb li ma jiftakarx.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, xehed ukoll **PC 536 Jason Caruana** (*a fol.* 460 *et seq.*) fejn spjega li fit-23 ta' April 2001 kien flimkien ma' PC 213, PC 10 u PC 579 fl-inhawi tal-Hamrun u bil-vettura marru wara vann li gie mwaqqaf f'Hal-Qormi u li go fih kien hemm Ruben Scicluna. Jghid li fejn is-seat tal-passigier kien hemm pakkett u li Ruben qalilhom li kien qabbdu wiehed burdnar sabiex igiblu dan il-pakkett mill-*post office*. Jghid li aktar tard Ruben cempel lil certu Carmel Cassar fejn ftiehem li kellu jiltaqa' mieghu fil-parkegg tal-ajruport l-antik. Jghid li kien mistobi fil-vann flimkien ma' PC 213, marru ma' Ruben, Ruben ta l-pakkett u qalilhom li l-persuni kienu tawh is-somma ta' Lm20.00. Jghid li flimkien ma' PC 213 u PC 579 marru jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' Carmel Cassar fejn gew elevati xi affarijiet. Jghid li l-ghada 24 ta' April 2001, hu flimkien ma' PC 579 u PC 1183 marru jaghmlu tfittxija l-ewwel fil-hanut ta' Norman Bezzina f'Haz-Zebbug u wara fir-residenza tieghu, fejn kemm mill-hanut kif ukoll mir-residenza imsemmija gew elevati xi affarijiet.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001, xehed **Christopher Delia** (*a fol.* 476 *et seq.*) fejn qal li huwa pustier fil-Posta tal-Hamrun u jghid li ilu jqassam il-posta fil-Marsa, Racecourse Street u f'dawk l-inhawi ghal madwar hames snin. Jghid li fis-27 ta' Marzu 2001 inghata biex iqassam Avviz u jidhirlu li fuqu kien hemm miktub *"auto parts"* u li kien indirizzat lil certu Joe Portelli, 2, Clan Stable, Racecourse Street, Marsa. Jghid: *"F'dak l-indirizz qatt ma kelli xi posta, qatt ma kont mort qabel bil-posta"* (*a fol.* 476). Jghid li l-post huwa sqaq forma ta' "L" u huwa sqaq zghir hafna tant li vettura ma tghaddiex. Jghid li hemm stalla u bieb u li meta mar biex iqassam, iltaqa' ma' missier min joqghod f'dan il-post Joseph Farrugia u qallu li Joe Portelli ma

joqghodx hemmhekk. Jghid li dakinhar ma qassamx pero qassamha fit-28 ta' Marzu 2001 billi mpustjaha fid-dar u mhux fl-istalla. Jghid li fit-2 ta' April 2001 qassamha fid-dar u fl-10 ta' April 2001 qassamha fl-istalla. Jghid li dan ghamlu fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Neil Harrison. Jghid li Dok. "NH 2" huwa d-dokument li huwa mpostja fl-istalla u li huwa mpostja karta fl-istalla darba biss. Jghid li l-istalla kellha kaxxa tal-ittri.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001, xehed ukoll **Paul Tanti** (*a fol.* 478 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Marzu 2001 l-iSpettur Neil Harrison kien mar il-Posta fejn jahdem hu u staqsa ghall-pakkett li kien indirizzat lil certu Joe Portelli, li kien joqghod, jidhirlu, 2, Clan Stable Lane, Marsa. Jghid li fit-23 ta' April 2001 mar ix-xufier li s-soltu jehdilhom x-xoghol bl-isem ta' Ruben u mar biex jirtira l-pakkett minn fuq il-*counter*. Jghid li Ruben urih l-Avviz li jinsab immarkat bhala Dok. "NH 2". Jghid li ndika lil Mario li kien Ghassa mal-pakkett li kien se jiehu l-pakkett u nfurmah li kien mar xi hadd ghalih. Jghid li ghadda l-pakkett lil Ruben u Ruben hareg bih.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001, xehed ukoll **Louis Ferrante** (*a fol.* 481 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Marzu 2001 kien jahdem bhala *Senior Administrator* fil-*branch* tal-Posta tal-Hamrun. Jghid li fis-27 ta' Marzu 2001 kien gie avvicinat mill-iSpettur Neil Harrison li staqsieh fuq pakkett partikolari ma' liema pakkett kien inzammet l-ghassa.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001, xehed ukoll **Anthony Valletta** (*a fol.* 489 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Manager* fl-*Operations* tal-Maltapost u qal, fost l-ohrajn, li Ruben Scicluna detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 36172(M) huwa *postal operator* u xoghlu huwa dak ta' xufier. Jghid li Scicluna dahal jahdem il-Posta fit-12 ta' Settembru 1990.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2001, xehed **George Camilleri** (*a fol.* 553 *et seq.*) fejn spjega li xoghlu huwa dak ta' *post person*. Jghid li jkun fil-fergha tal-Hamrun u jqassam il-posta il-Hamrun u l-Marsa. Jghid li parti minn xoghlu jinkludi li jqassam il-posta fil-parti fejn

hemm il-korsa taz-zwiemel il-Marsa. Jghid li fid-19 ta' April 2001 issostitwixxa pustier iehor f'din l-*area*, u cioé lil Chris Delia. Jghid li kien qassam *notice* illi kienet indirizzata lil Joe Portelli, fl-indirizz 2, Clan Stable Lane, Racecourse Street, Marsa. Jghid li kien qassamha fil-post li kien quddiem il-korsa taz-zwiemel, il-Marsa u jippreciza li kien sqaq forma ta' "L". Jghid li fl-isqaq hemm zewg bibien u li hu qassamha fil-bieb t'isfel illi huwa stalla.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2001, xehed **José Abela** (*a fol.* 562 *et seq.*) in rapprezentanza tal-*Licensing Office* fejn qal li minn ricerka li ghamel fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAM 184 irrizultalu li din hija vettura Ford Fiesta ta' lewn abjad u ssejjah lil Ruben Scicluna, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 36172(M). Jghid li ilha tghajjat lilu mill-20 ta' Awwissu 1997.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2002, xehed **Dr. Vincent Galea** (*a fol.* 595 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' April 2001 gie nominat sabiex jaghmel ricerkI u inventarju tal-proprjeta' kollha ta' l-imputati kollha u cioé ta' Laurence Gatt, Antonio Gatt, Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar. Ipprezenta r-relazzjonijiet tieghu li gew immarkati minn Dok. "VG 1" sa Dok. "VG 5" (*a fol.* 597 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2002, xehed **Brian Farrugia** (*a fol.* 1251 *et seq.*) in rapprezentanza tal-*Licensing Office* fejn qal li minn ricerka li ghamel fuq vettura Rover 2000 bin-numru ta' registrazzjoni N-1786 irrizulta li din hija vettura ta' lewn abjad u tghajjat lil Ruben Scicluna, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 36172(M). Jghid li ilha tghajjat lilu mill-10 ta' Marzu 1992. Jghid li ma kienx hemm kambjament tal-pjanci l-godda.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' April 2002, xehed **Michael Psaila** (*a fol.* 1269 *et seq.*) fejn spjega li numru 99496805 huwa numru tal-Vodafone u registrat f'isem M.J.K. Transport Limited, c/o Mr. Charles Cassar bl-indirizz fil-Kalkara. Jghid li hemm *contact number* 21891888. Jghid li rigward in-numru 99428714 is-sid huwa Shawn Bezzina, li huwa *discontinued contract*, bl-indirizz f'Haz-Zebbug u bil-Karta tal-Identita' bin-Numru 438294(M). Jghid li l-*contact*

*number* huwa 465827. Ezebixxa d-dokument relattiv li gie mmarkat bhala Dok. "MP 1" (*a fol.* 1271 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017, xehed **Mark Cassar** (*a fol.* 1578 *et seq.*) fejn spjega li l-proceduri kriminali kontra tieghu gew fi tmiemhom. Jghid li huwa burdnar tax-xatt. Jghid li kien jinghata karti mill-klijent u kien jigbor ix-xoghol li kien jigi minn barra u jaghtih lill-individwu li jkun qabbdu. Jghid li huwa jahdem ma' missieru u l-klijent icempel lil missieru u missieru jibghatu ghax-xoghol. Jghid li dakinhar tal-akkadut mertu tal-proceduri odjerni kien cempillu missieru fil-hin li hu (Mark Cassar) kien niezel mill-Freeport lejn id-dar u qallu li kien hemm Antonio Gatt li kellu karti tax-xoghol biex jigborhom u jhallihomlu d-dar. Identifika lill-imputat Antonio Gatt fl-awla. Jghid li ltaqa' ma' Antonio Gatt quddiem il-knisja tar-Rahal Gdid fejn minn ghandu gabar dokumentazzjoni darba biss u li dak iz-zmien Antonio Gatt kien jahdem bhala xufier ta' wiehed li kienu jgorrulu x-xoghol tal-Freeport, cioé Noel Cassar. Jghid li meta gabar din il-karta, hallieha d-dar fuq l-iskrivanija ta' missieru. Jghid li din il-karta kienet dokument li jghidlek li gie x-xoghol minn barra. Jghid li x-xoghol kellu jingabar mill-Posta. Jixhed li, jekk jiftakar sew, fuq il-karta kien hemm miktub li kien hemm *spare parts*. Jghid li l-karta ha hsiebha missieru u hu (Mark Cassar) ma regghax qabadha b'idu. Jghid li missieru ghadda din il-karta lill-pustier Ruben Scicluna. Mistoqsi kif, wiegeb li waqt li kienu telghin il-Freeport, cempillu Antonio Gatt u staqsa lil missieru jekk kienx tellaghlu x-xoghol u missieru qallu biex jiehdu pacenzja peress li ma kellux cans ghax kien dahlilhom x-xoghol minn barra u Gatt qallu jaghmel mezz biex jikklerjahulu. Jghid li kien ma' missieru meta missieru kellem lil Ruben Scicluna. Jghid li Ruben kellu jikklerja l-kaxxa. Mistoqsi jghid x'kien ser jiggwadanja Ruben talli jikklerja l-kaxxa, wiegeb: *"Xejn xi tridu jiggwadanja, kien ser jaghmel pjacir lil missieri hux"* (*a fol.* 1584). Jghid li, xi granet wara, waqt li kien l-Msida qed jigbor ix-xoghol minn ghand il-klijenti taghhom, cempillu missieru u qallu li Ruben kien ikklerja l-kaxxa ta' Antonio Gatt u qallu biex jiltaqa' mieghu l-ajruport. Jghid li telaq mill-Msida, mar l-ajruport f'Hal-Luqa, ra lil Ruben bil-vann tal-Posta, Ruben tah il-kaxxa u hu taha lil Antonio Gatt. Jghid li Ruben qallu biex ihallaslu tmintax-il lira

Maltin (Lm18.00) dazju ghax-xoghol u hu (Mark Cassar) tah ghoxrin lira Maltin (Lm20.00). Jghid li missieru kien qallu li Antonio Gatt kien ser ikun qed jistennieh hemmhekk biex jaghtih il-kaxxa. Jghid li baqa' sejjer fuq Barbara Bastions u kemm hu kif ukoll huh gew arrestati.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li gie dikjarat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih. Jghid li l-Freeport huwa klijent taghhom. Ghad-domanda: *"[I]nkun qed nghid tajjeb li gialadarba inti m'ghandekx izjed in-Notice of Arrival, il-persuna li jrid jigbor dak l-oggett huwa l-persuna li ghandu n-Notice of Arrival, qed nghid tajjeb?"* (*a fol.* 1587), wiegeb: *"Iva"* (*a fol.* 1587). Ikkonferma li ladarba Antonio Gatt ta n-*Notice of Arrival* lil missieru, u missieru ta lilu, Gatt fizikament ma setghax imur izjed ghax irid jghaddiehilu l-persuna li ghandu n-*Notice of Arrival* u li gabarha. Ikkonferma li f'dan il-kaz gara hekk.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017, xehed ukoll **Carmel Cassar** (*a fol.* 1589 *et seq.*) fejn spjega li l-proceduri kriminali kontra tieghu gew fi tmiemhom. Jghid li Mark Cassar jigi ibnu. Jispjega li kien mar jaghti daqqa t'id lil David Ciantar li kien qed jghabbi x-xoghol tal-Freeport. Jghid li kien hemm l-imputat Antonio Gatt li s-soltu jkun maghhom jiskorta x-xoghol ma' Noel Cassar. Jghid li Antonio Gatt qallu li kellu *parcel* bil-*parts* u staqsieh jaghmillu pjacir biex jikklerjahulu. Jghid li wara gurnata Gatt staqsieh jekk kienx ser jigbor l-Avviz, u hu qallu li kien ser jibghatlu t-tifel u cioé lil Mark Cassar. Jghid li wara jumejn, Antonio Gatt cempillu u staqsieh x'kien ghamillu u jghid li qallu li kien ftit imhabbat. Jghid li kellem lil Ruben Scicluna li jahdem il-Posta u li gie li tah xoghol minn tieghu biex jikklerahulu. Jghid li staqsa lil Ruben Scicluna fir-rigward tal-kaxxa *spare parts* u qallu sabiex jekk jista' jkun il-kaxxa ma tinfetax biex ma jkunx hemm xi haga nieqsa tal-*parts* u tintilef. Jghid li xi granet wara, cempillu Ruben Scicluna u qallu li kellu l-kaxxa hdejh. Jghid li cempel lil ibnu Mark u qallu li kien sejjer Ruben ihott ix-xoghol Hal-Luqa, u qallu biex jigbor il-kaxxa ta' l-imputat Antonio Gatt. Jixhed li kellem lil Antonio Gatt u qallu li ibnu kien ser ikun Hal-Luqa u b'hekk setgha jghaddielu l-kaxxa. Jghid li aktar tard sar jaf li t-tfal tieghu kienu arrestati fuq kaxxa suspettuza bi droga f'liema hin jghid li hu mmuta. Jghid li saret

tfittxija d-dar tieghu. Mistoqsi jghid ghala f'dan il-kaz ma marrux il-Posta pero' nizlu Haz-Zabbar, wiegeb: *"Jien kont niezel mill-Freeport ghax noqghod il-Kalkara u ghaddejt mill-pompa ta' Haz-Zabbar li hija t-triq tieghi. Kuljum dik. Jien ma mortx infittex lil Ruben bilfors tlaqt min x'imkien ghalih, ghaddejt biex nara jekk huwiex qieghed hemm ghax gie li tajtu xoghol tieghi stess u ta' haddiehor jien kelli l-parts jigu bil-posta u normalment naqbad zewg liri u naghtihomlu talli ghamilli pjacir ma tliftx il-hin tieghi"* (*a fol.* 1593). Fir-rigward ta' dak li gie diskuss bejnu u bejn Antonio Gatt, jghid: *"Id-diskuzzjoni kienet hekk, qalli "ghandi kaxxa spare parts biex tikklirjahieli ta' hbieb tieghi", qalli "bil-posta' tal-Hamrun", ghidtlu "tkun barra tigri ma' Noel Cassar, mhemmx cans li taqbez qabza?", Qalli: "Ma tafx li dak ma tantx jiehu pjacir nghidlu ghandu qadja ha naghmilha?""* (*a fol.* 1593). Jghid li lil Antonio Gatt kien qallu li dik il-gimgha kien imhabbat. Jghid: *"Qalli Chal, qalli pprova ghamilli mill-ahjar ikklerjahuli qalli hamsin lira tal-ispejjez kollox"* (*a fol.* 1594). Jghid: *"Ghidtlu ma tarax jien, ghidtlu qed naghmillek pjacir, ghidtlu issa nara x'inhallaslek u mbaghad aghtihomli"* (*a fol.* 1594). Fir-rigward ta' Ruben, jghid: *"Tajtu l-Avviz, staqsejtu biex jaghmilli pjacir, qalli m'hijiex problema, qalli biss jien diehel it-Tnejn xoghol ghax ghada l-Gimgha u s-Sibt jien bil-leave"* (*a fol.* 1594). Jghid li Antonio Gatt qallu li jekk ma jinfetahlux il-pakkett ikun ahjar.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li huwa gie mehlus mill-akkuzi kollha li ngibu kontra tieghu. Jghid li qatt ma gieh hsieb li kien hemm xi haga hazina fil-pakkett ghax lil Antonio Gatt jafu u ddeskrivih bhala bniedem tal-affari tieghu.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2017, xehed ukoll **Ruben Scicluna** (*a fol.* 1615 *et seq.*) fejn spjega li l-proceduri kriminali kontra tieghu gew fi tmiemhom. Jghid li fis-sena 2001 kien jahdem bhala xufier il-Posta u li kien igorr il-posta minn *branch* ghall-ohra. Jghid li burdnar kien talbu biex jigborlu pakkett u li kien inghata l-karta xi erbat'ijiem qabel hu gabar pakkett normali minn quddiem il-*counter*, hallas tmintax il-lira Maltin (Lm18.00) VAT jew dazju u telaq biex ikompli bix-xoghol u gie arrestat mill-Pulizija. Jghid li gie nfurmat li l-*parcel* kellu affarijiet tal-vetturi u li hekk kien hemm miktub fuq il-karta. Jaqbel li kien cempel lill-burdnar li kien tah il-karta u li wara li gie mwaqqaf mill-Pulizija, ittiehed bil-vann il-

Marsa. Jghid li meta gie mistoqsi ta' min kien dak il-pakkett, jghid li qalilhom li kellu l-indirizz u l-*business card* tal-burdnar. Jghid li cempel lil Carmel biex jghaddilu l-pakkett u Carmel qallu li kien ser imur ibnu. Jghid li fil-vann kien hemm zewg Pulizija mohbija, mar it-tifel, tah il-pakkett, dan tah ghoxrin lira Maltin (Lm20.00) u mhux tmintax il-lira Maltin (Lm18.00) peress li hu (Scicluna) ma kellux bqija u regghu lura lejn il-Marsa. Ghad-domanda: *"Dakinhar biss gibtlu pakkett?"* (*a fol.* 1622), wiegeb: *"Lilu? Iva Iva mela qatt ma gibtlu pakketti. Imma per ezempju d-dilettanti tal-karozzi gie li jghidulu hares flok noqghod ninqala' jien kif tkun hemmhekk igborli dan, kont xi haga li kont naghmilha ghax nahdem hemmhekk fhimt"* (*a fol.* 1622).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li huwa gie misjub mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Jghid li ma kien hemm l-ebda appell minn din is-sentenza.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2017, xehed **Emanuel Gauci** (*a fol.* 1624 *et seq.*) fejn qal li l-imputat Gatt jigi r-ragel ta' ohtu. Ikkonferma li kien hemm kawza kriminali fil-konfront tieghu li giet konkluza. Jghid li Antonio Gatt kien jahdem bhala *Customs Officer* id-Dwana, il-Marsa. Jghid li Gatt kien qallu li kellu kaxxa ta' xi hadd habib tieghu, kien hemm immarkat li kien hemm xi *spare parts*, infethet, mess daqxejn b'idu, ra li ma kienx hemm valur qawwi, hass xi haga iebes, ghalaqha u tah il-kaxxa. Mistoqsi ghad-dettalji jghid li minn ghalih "Stables" u l-lokalita' jahseb li kienet il-Marsa. Jghid li xi zmien wara marru l-Pulizija. Mistoqsi jghid jekk Antonio Gatt kienx tah xi haga talli tah il-*parcel*, wiegeb: *"Mhux tani, ma tistax tghid tani…kull ma ghamel kien per ezempju ma nafx jekk qam tletin lira tani izjed minn tletin lira"* (*a fol.* 1628). Jghid li wara xi zmien Antonio Gatt kien mar b'Avviz iehor ghax kellu xi kaxxa ohra fejn l-Avviz kien il-Hamrun. Jghid: *"Kien qalli xi haga li kien fiha xi hajta deheb minghalija pero' ghalhekk, ma nahsibx li ghal dak il-parcel"* (*a fol.* 1629). Jghid li kien baghat lil Antonio Gatt il-Hamrun. Jikkonferma li Antonio Gatt mar ghandu darbtejn ghal *parcel* u mentri l-ewwel wiehed kien il-Marsa, l-iehor kien il-Hamrun. Jghid li bejn l-ewwel u t-tieni *parcel* ghaddew xi hmistax il-gurnata.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li gie liberat mill-akkuzi kollha li kellu kontra tieghu. Ikkonferma li Antonio Gatt kien jahdem il-Freeport. Ikkonferma wkoll li parti mix-xoghol tieghu l-Freeport kien illi jigbor ix-xoghol tal-Freeport mill-Marsa u minn varji branki ta' fejn ikun hemm. Ghad-domanda: *"Mela allura inti lil Antonio Gatt tafu gej bil-parcels, gej ghal parcels, ma kienx l-ewwel darba li rajtu l-Marsa jigbor xi parcel?"* (*a fol.* 1631), wiegeb: *"Le Le"* (*a fol.* 1631). Jghid li lil Laurence Gatt ma jafux. Jghid li ghandu jkun miet. Ghal Antonio Gatt jghid: *"Nafu. Bniedem li naf u naf x'inhu"* (*a fol.* 1631). Fir-rigward tat-tieni *parcel*, mistoqsi jghid jekk hux minnu li Antonio Gatt ma qghadtx jghidlu biex jara kif se jaghmel u jaqdih, wiegbu: *"Le"* (*a fol.* 1632).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017, xehed **Norman Bezzina** (*a fol.* 1638 *et seq.*) fejn spjega li l-proceduri kriminali li kellu fil-konfront tieghu gew fi tmiemhom. Jghid li ma kien hemm l-ebda appell u li bhalissa qed jiskonta piena. Mistoqsi jghid jekk jafx xi haga dwar l-imputat Antonio Gatt li jikkoncerna lilu fil-kaz li hu (Bezzina) instab hati fuqu, wiegeb: *"Jien x'qaluli nista' nghid ghax jien m'ghandiex idea tieghu dan ir-ragel. Dan qal li darba iltaqa' mieghi xi ghaxar snin qabel il-kaz li kellna, li ried biex jghid lil hatnu biex ingib id-deheb jigifieri u li ha l-flus biex jaghtuhom lil hatnu"* (*a fol.* 1638). Jghid li haten Antonio Gatt huwa Emanuel Gauci. Jghid li dan inghad waqt il-guri. Jghid li hu gie misjub hati li mporta d-droga. Jixhed li ma ghandux idea min hu l-imputat Antonio Gatt. Jghid li dan il-persuna ha gurament falz fil-guri tieghu (ta' Norman Bezzina). Jghid li qatt ma rah f'hajtu. Jghid li ma jafx x'kien l-involviment ta' Antonio Gatt fil-kaz tieghu (ta' Norman Bezzina). Jghid li qatt ma kellmu u qatt ma kellu x'jaqsam mieghu. Jghid li qatt ma ltaqa' mieghu, qatt ma rah imkien, u qatt ma ddilja mieghu (ma' Antonio Gatt).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-ewwel darba li ra lill-imputat Gatt kien fil-proceduri li sehhew fil-konfront tieghu (ta' Bezzina). Jghid li l-ewwel rah fil-kumpilazzjoni u mbaghad rah fil-guri.

**L-Ufficjal Prosekutur Neil Harrison**, din id-darba bhala eks-Assistent Kummissarju, rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-

23 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 1644 *et seq.*) quddiem il-Qorti Kriminali[2]. Huwa spjega li mart Antonio Gatt kienet infurmatu li kienet osservat lil Laurence Gatt il-belt Valletta f'hin meta huwa suppost kien gewwa rinkazat. Jghid li mart l-imputat Antonio Gatt kienet qaltlu: *""dak ghalina dahhalna f'hafna inkwiet", xi haga f'dak is-sens kien jekk niftakar sew"* (*a fol.* 1645). Ikkonferma li Antonio Gatt xehed fil-guri ta' Norman Bezzina. Jghid li minkejja li ma jiftakarx li huwa qal kliem fis-sens illi: *""jiena bsart li huk uzak u intom ma intomx ta' dan it-tip""* (*a fol.* 1646), pero' jixhed: *"pero' li nista' nghid huwa ma humiex ta' dan it-tip fis-sens ghax naf li huma familja sewwa"* (*a fol.* 1646). Jghid li kien hemm diversi nies involuti f'dan il-kaz. Jispjega li ghalih il-*master mind* kien Norman Bezzina peress li kien mar il-Kanada, akkwista d-droga, il-mod kif ser tiddahhal, l-indirizz li ser jintuza, isem falz ecc.. Jghid li vicin tieghu f'din l-organizzazzjoni kien hemm Simon Xuereb. Jghid li mbaghad kien hemm Laurence Gatt li kien *close* hafna ma' Norman Bezzina u kien hemm ukoll Antonio Gatt. Jghid li rrizultalu li Antonio Gatt kien jahdem il-Freeport, kien xufier mas-*security office* pero' parti mid-*duties* tieghu kienu li jmur is-*central main room* tal-Maltapost fil-Marsa u l-Freeport (li jghid apparentement dak iz-zmien kienet tircievi xi *parcels*) u kien jirtira l-*parcels*. Jghid li Laurence Gatt kien laqqghu ma' Norman Bezzina. Jghid li jirrizulta li kien involut fl-ewwel pakkett ukoll. Jghid: *"Jidher li hu [Antonio Gatt] seta' jiffacilita, hu kellu konoxjenza hemmhekk, ic-central mail room li kien Emanuel Gauci kif kont qed nispjega u li kien jigi jidhirli hu l-mara tieghu, xi haga hekk. Jigifieri dik kienet il-parentela bejniethom"* (*a fol.* 1647).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

[2] Huwa xehed quddiem il-Qorti Kriminali in segwitu ta' Digriet moghti minnha fil-5 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 1546). Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 mizmuma quddiem il-Qorti kif preseduta gie verbalizzat is-segwenti: *"Il-Prosekuzzjoni u d-difiza filwaqt li jaghmlu riferenza ghal Dok. "A" a fol. 1644 et sequitur, jinfurmaw lill-Qorti illi t-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tax-xhud hija veritjiera u m'hemmx htiega li din tigi kkonfermata bil-gurament mit-traskrittur li ghamilha. Kemm il-Prosekuzzjoni u d-difiza jaqblu li x-xhieda msemmija tal-eks Assistent Kummissarju Neil Harrison ghandha tikkostitwixxi ruhha bhala prova f'dawn il-proceduri"* (*a fol.* 1651).

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-atti processwali jaghmlu riferenza ghal zewg konsenji differenti ta' zewg pakketti differenti fejn mentri l-ewwel konsenja ma kinitx giet intercettata mill-Pulizija, it-tieni konsenja kienet giet intercettata u li kienet tikkonsisti f'aktar minn zewg kilogrammi droga kokajina.

Illi riferenza sejra ssir ghal dak li gie sottomess mill-Prosekuzzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 1652 *et seq.*). Il-Prosekuzzjoni tirrileva x-xenarju fejn Simon Xuereb u Norman Bezzina kienu jafu lil xulxin u fejn filwaqt li Antonio Gatt kien jahdem il-Freeport, huh Laurence Gatt kien joqghod l-Isla. Il-Prosekuzzjoni tirrileva wkoll li Simon Xuereb kien ircieva Avviz mill-Posta gewwa 2, Clan Stable Lane, Racecourse Street, Marsa liema Avviz kien indirizzat lil certu Joe Portelli, li ma jezistix, liema Avviz kien jghid li kien wasal pakkett f'Malta. Il-Prosekuzzjoni tkompli tirrileva li Simon Xuereb gabar l-Avviz mill-fond imsemmi u ghaddieh lil Norman Bezzina.

Illi, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 1652 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni taghmel riferenza ghall-<u>ewwel pakkett</u> li ma giex intercettat mill-Pulizija fejn tghid li dan inhareg minn Antonio Gatt (li parti minn xoghlu kien li johrog xoghol ghal Freeport fosthom mill-*Main Post Office* f'Hal-Qormi) bl-ghajnuna ta' Emanuel Gauci, li jigi hu l-mara ta' Antonio Gatt u li kien jahdem bhala fizzjal id-Dwana gewwa l-ufficini tal-Posta fil-Marsa. Il-Prosekuzzjoni ssostni li dan il-pakkett gie mghoddi minn Emanuel Gauci lil Antonio Gatt u eventwalment gie mghoddi lil Laurence Gatt li ghaddieh lil Simon Xuereb u li sussegwentement ghaddieh lil Norman Bezzina.

Illi, fir-rigward tat-<u>tieni pakkett</u>, dak li gie ntercettat mill-Pulizija, il-Prosekuzzjoni ssostni li dan il-pakkett ngieb bl-istess modalita' li kien ingieb l-ewwel pakkett imsemmi hawn fuq u tispjega li Simon Xuereb ghadda l-Avviz li kien ircieva fl-istess kaxxa tal-ittri tal-pakkett ta' qabel lil Norman Bezzina jew Laurence Gatt. Il-Prosekuzzjoni ssostni (*a fol.* 1653) li kien Laurence Gatt li kien jiehu l-Avviz lil huh Antonio Gatt biex dan jirranga ma' Emanuel Gauci u b'hekk seta' jinhareg dan il-pakkett mill-Posta. Il-Prosekuzzjoni

ssostni li kien hemm problema fir-rigward tat-tieni pakkett minhabba li dan il-pakkett ghal xi raguni telaq mill-Marsa u mar l-ufficju tal-Posta gewwa l-Hamrun u fejn Antonio Gatt, skond il-Prosekuzzjoni, ma rnexxilux jikkonvinci lil Emanuel Gauci sabiex igib il-pakkett peress li kien go ufficju iehor. Fis-sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tirrileva li peress din id-darba Antonio Gatt ma kienx irnexxielu johrog it-tieni pakkett, Norman Bezzina, Simon Xuereb, Laurence Gatt u Antonio Gatt kellhom jirrikorru ghal aktar terzi u b'hekk ghamlu tentattiv iehor biex tinhareg din id-droga mill-ufficini tal-Posta. Il-Prosekuzzjoni tissottometti li gew ikkuntatjati Carmel Cassar u t-tfal tieghu Mark Cassar u Jonathan Cassar u *tramite* taghhom gie kkuntatjat Ruben Scicluna li kien impjegat bhala pustier mal-Posta fejn Ruben Scicluna gabar il-pakkett li kien taht sorveljanza tal-Pulizija, eventwalment l-imsemmi Scicluna gie mwaqqaf mill-Pulizija u cempel lil Carmel Cassar li nfurmah li kien ser jibghat lit-tfal tieghu Mark u Jonathan Cassar u li hekk kif dawn marru ghall-pakkett, ftit tal-hin wara gew osservati javvicinaw vettura ohra li kienet ipparkjata ftit il-boghod fejn fiha kien hemm l-imputat Antonio Gatt jistenna u meta gie mwaqqaf Antonio Gatt kellu l-pakkett in kwistjoni.

Illi eventwalment ittiehdu proceduri kriminali mill-Pulizija fil-Qorti fil-konfront ta' diversi persuni.

Illi, fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 1661 *et seq.*) ghan-nom tal-imputat Antonio Gatt, id-difiza tissottometti, fost l-ohrajn, li: *"tfittex kemm tfittex f'dan il-process ta' Antonio Gatt imkien m'int sejjer issib illi l-akkuzat kien jaf li dak il-parcel illi huwa gie mitlub minn huh stess biex johrog kien fih xi droga"* (*a fol.* 1662). Id-difiza tissottometti wkoll li l-imputat Antonio Gatt mhux talli ma kienx jaf li fil-pakkett in kwistjoni kien hemm id-droga izda li sahansitra r-rizultanzi processwali huma tali li jeskludu l-possibbilita li effettivament seta' jimmagina li kien hemm droga. Id-difiza mbaghad taghti r-ragunijiet taghha ghal dan.

Illi, apparti proceduri kriminali fil-konfront ta' Norman Bezzina, Simon Xuereb u Emanuel Gauci, il-Prosekuzzjoni hadet ukoll proceduri kriminali fil-konfront ta' Laurence Gatt, Antonio Gatt,

Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar. Il-kawza kontra Laurence Gatt, Antonio Gatt, Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar bdiet bhala kawza wahda kontra l-hames persuni hawnhekk imsemmija pero' filwaqt li l-Avukat General hareg il-Kontro-Ordni fil-konfront ta' Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar u l-kawza fil-konfront taghhom giet deciza u maqtugha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif diversament preseduta, l-Avukat Generali ma harigx il-Kontro-Ordni fil-konfront ta' Laurence Gatt u Antonio Gatt tant li fil-konfront tal-ahwa Gatt inhareg l-Att ta' Akkuza (*a fol.* 1293 *et seq.*) u li kien permezz ta' Digriet moghti mill-Qorti Kriminali (*a fol.* 1553 *et seq.*) li gie deciz li l-kaz kontra Antonio Gatt (cioé il-kaz odjern) kellu jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza kriminali taghha. Ghandu jinghad li Laurence Gatt baqa' qatt ma gie gudikat peress li hu miet tul il-mori tal-proceduri.

Illi, bhala stat ta' fatt, il-Qorti tinnota li mentri Norman Bezzina gie processat u misjub hati mill-Qorti Kriminali, Simon Xuereb gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati fejn il-piena moghtija lilu giet varjata xi ftit mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-Qorti tinnota wkoll li Emanuel Gauci, Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar gew liberati mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat Antonio Gatt, il-Qorti tinnota li ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata minn Antonio Gatt (Dok. "NH 9" – *a fol.* 293 *et seq.*) u dak li nghad fiha u li sar riferenza ghaliha fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li din l-istqarrija giet mehuda fis-sena 2001, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**. Ghall-kjarezza, il-Qorti tinnota wkoll li mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni l-istqarrijiet l-ohra rilaxxati mill-persuni l-ohra li originarjament kienu imputati fil-kawza odjerna u dak li nghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat Antonio Gatt. L-imputat Antonio Gatt jinsab akkuzat b'assocjazzjoni, b'importazzjoni u b'pussess aggravat ta' droga.

Illi, fir-rigward ta' dak li jammonta ghal *conspiracy*, fid-decizjoni moghtija fis-6 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> *"This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*
>
> *Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide*

*to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

> "Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erbgha u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".

Illi jkun opportun li ssir riferenza ghall-Artikolu 26(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema sub-Artikolu zdied permezz ta' Att Numru VI tas-sena 1994. L-imsemmi sub-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "Meta r-reat li bih persuna tkun akkuzata jkun dak ta' pussess ta', jew bejgh jew traffikar ta', medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkuzat ma jkunx jista' jiddefendi ruhu kontra dik l-akkuza billi jipprova li huwa haseb li kellu fil-pussess tieghu, jew li kien qed ibiegh jew jittraffika xi haga li ma kenitx il-medicina msemmija fl-akkuza jekk il-pusses ta', jew il-bejgh jew traffikar ta' dik il-haga ohra kien ikun, fic-cirkostanzi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' din l-Oridnanza jew ta' xi ligi ohra."

Illi għandu jingħad ukoll li minkejja li l-proceduri kriminali odjerni ġew intavolati wara li ġie mizjud Artikolu 26(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, dan l-Artikolu 26(2) appena ċitat ġie mibdul fit-tifsira tiegħu in forza ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tal-1 ta' April 2005, u cioé wara li diversi persuni ġew imressqa bl-akkuzi odjerni, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux**. Qabel ma ngħatat din is-sentenza u in forza tal-Artikolu 26(2) persuna li jimporta oġġett allavolja ma jkunx jaf li dak l-oġġett jikkontjeni droga, jekk permezz tal-importazzjoni ta' tali oġġett kien ikun hemm ksur ta' xi liġi oħra, huwa xorta waħda kien jiġi kkunsidrat li qisu kien jaf li l-oġġett kien droga u jrid iwieġeb għall-akkuzi miġjuba fil-konfront tiegħu taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tifsira ta' l-Artikolu hawn fuq kwotat inbidlet bis-sentenza hawn fuq imsemmija u mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ġie deċiż li l-effett kumulattiv ta' l-espressjonijiet *"it shall not be a defence to such charge"* u *"or of any other law"* kien joħloq żbilanċ kontra l-akkużat. F'din l-imsemmija sentenza, in kwantu jirrigwarda l-kliem *"bi ksur ta' xi liġi oħra"* kontenuti fl-Artikolu 26(2), il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

> *"the fundamental right to a fair trial as guaranteed by Section 39(1) of the Constitution and by Article 6(1) of the European Convention is likely to be contravened in relation to appellant Susan Jane Molyneaux by the application of subsection (2) of Section 26 of the Dangerous Drugs Ordinance (Cap. 101) as at present in force; consequently sends back the record of the proceedings to the Criminal Court with a direction that that Court, and any other Court of Criminal Justice which may subsequently deal with the case, is to ignore the words "or of any other law" in subsection (2) of the said Section 26 if called upon to apply or interpret that subsection".*

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Il-pakkett in kwistjoni oriġina mill-Kanada u fuqu kien hemm hemm miktub li fih kien hemm *auto parts* (*a fol.* 131).

- PC 579 Antoine Micallef jghid (*a fol.* 382 *et seq.*) li meta fil-11 ta' April 2001 gie moghti struzzjonijiet sabiex imur il-pjazza tal-Isla fejn kellha ssir laqgha bejn nies imdahhlin fid-droga, hu seta' jinnota li kien hemm Laurence Gatt, Norman Bezzina u kif ukoll Simon Xuereb.

- PC 1301 Mario Farrugia jixhed hekk: *"Meta morna fuq Tony [Antonio] Gatt ahna identifikajna ruhna mieghu u ghidnielu li konna Pulizija. Ghidnielu wkoll li konna tad-Drugs Squad. Dak il-hin m'ghamilx reazzjoni. Ghamilha meta konna sejrin lejn id-Drugs Squad. Ghamel esklamazzjoni ta' staghgib"* (*a fol.* 451).

- Meta Simon Xuereb xehed fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, huwa jghid (*a fol.* 456 *et seq.*) li kien hemm zewg *parcels* u li Laurence Gatt lilu (lil Xuereb) ghaddielu l-ewwel *parcel* u mhux it-tieni. Meta huwa jaghmel riferenza ghall-inkontru li kien hemm bejnu, Norman Bezzina u Laurence Gatt, Simon Xuereb fl-ebda hin ma jaghmel riferenza ghal Antonio Gatt.

  Meta Simon Xuereb xehed fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2017, huwa jghid (*a fol.* 1598 *et seq.*) li Norman Bezzina kien baghtu biex jigbor *parcel* b'xi affarijiet taz-zwiemel mill-Isla. Jghid li kien iltaqa' mal-imputat Antonio Gatt (?!) li tah il-*parcel* u mar jaghtih lil Norman Bezzina u meta Bezzina fethu go fih ma kienx hemm affarijiet taz-zwiemel pero kien hemm jablo, hornijiet u xi haga ohra li Bezzina qallu li kienet droga. Jghid li lil Antonio Gatt ma kien rah qatt qabel hlief dakinhar li mar l-Isla.

  Minkejja dan, ghandu jinghad li ghad-domanda in kontro-ezami: *"Jista' jaghti l-kaz forsi li llum qed taghmel zball u l-memorja tieghek kienet hafna izjed friska meta gejt interrogat, meta xhedt bil-gurament quddiem il-Magistrat, meta xhedt fil-guri ta' Norman Bezzina, meta xhedt fil-kumpilazzjoni kontra l-burdnara milli llum 17-il-sena wara?"* (*a fol.* 1613), wiegeb: *"Illum nista' nkun zbaljat hux mhux dakinhar"* (*a fol.* 1613). Meta in ri-ezami gie mistoqsi jghid ma' min iltaqa' ezatt meta mar l-Isla, jekk hux ma' Laurence Gatt jew Antonio Gatt, wiegeb li ma jiftakarx.

- In kontro-ezami Carmel Cassar jghid (*a fol.* 1589 *et seq.*) li qatt ma gieh hsieb li kien hemm xi haga hazina fil-pakkett ghax lil Antonio Gatt jafu u jiddeskrivih bhala bniedem tal-affari tieghu.

- Emanuel Gauci spjega (*a fol.* 1624 *et seq.*) li l-imputat Antonio Gatt huwa r-ragel ta' ohtu u li Antonio Gatt mar ghandu darbtejn ghal *parcel* fejn mentri l-ewwel wiehed kien il-Marsa, l-iehor kien il-Hamrun. Fir-rigward ta' meta Antonio Gatt mar ghandu bl-Avviz fir-rigward tal-pakkett li kien hemm il-Posta tal-Hamrun, xehed: *"Kien qalli xi haga li kien fiha xi hajta deheb minghalija pero' ghalhekk, ma nahsibx li ghal dak il-parcel"* (*a fol.* 1629). In kontro-ezami, fir-rigward ta' Antonio Gatt, jghid: *"Nafu. Bniedem li naf u naf x'inhu"* (*a fol.* 1631). Fir-rigward tat-tieni pakkett, mistoqsi jghid jekk hux minnu li Antonio Gatt ma qghadtx jghidlu biex ara kif se jaghmel u jaqdih, wiegbu: *"Le"* (*a fol.* 1632).

- Meta Norman Bezzina gie mistoqsi jghid jekk jafx xi haga dwar l-imputat Antonio Gatt li jikkoncerna lilu fil-kaz li nstab hati fuqu, wiegeb: *"Jien x'qaluli nista' nghid ghax jien m'ghandiex idea tieghu dan ir-ragel. Dan qal li darba iltaqa' mieghi xi ghaxar snin qabel il-kaz li kellna, li ried biex jghid lil hatnu biex ingib id-deheb jigifieri u li ha l-flus biex jaghtuhom lil hatnu"* (*a fol.* 1638). Jghid li ma ghandux idea min hu l-imputat Antonio Gatt u li qatt ma kien rah f'hajtu. Jallega li Antonio Gatt ha gurament falz fil-guri tieghu. In kontro-ezami kkonferma li l-ewwel darba li ra lill-imputat Gatt kien fil-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu (ta' Bezzina).

- Da parte tieghu, l-eks Assistent Kummissarju Neil Harrison spjega (*a fol.* 1644 *et seq.*) li mart Antonio Gatt kienet infurmatu li kienet osservat lil Laurence Gatt il-belt Valletta f'hin meta huwa suppost kien gewwa rinkazat. Jghid li mart l-imputat Antonio Gatt kienet qaltlu: *""dak ghalina dahhalna f'hafna inkwiet", xi haga f'dak is-sens kien jekk niftakar sew"* (*a fol.* 1645). Jixhed: *"pero' li nista' nghid huwa ma humiex ta' dan it-tip fis-sens ghax naf li huma familja sewwa"* (*a fol.* 1646). Spjega li ghalih il-

*master mind* kien Norman Bezzina u li vicin tieghu f'din l-organizzazzjoni kien hemm Simon Xuereb. Isemmi lil Laurence Gatt li kien *close* hafna ma' Norman Bezzina u jsemmi li kien hemm ukoll Antonio Gatt.

- Minkejja l-fatt li PC 1301 Mario Farrugia jghid (*a fol.* 448 *et seq.*) li malli Antonio Gatt nizel mill-vettura li giet intercettata l-ajruport il-qadim huwa rema karta li fiha kien hemm zewg numri tat-telefon, ghandu jinghad li minn tfittxijiet ohra li saru ghand Antonio Gatt (inkluz fid-dar tieghu) ma nstab xejn partikolari li jista' b'xi mod jew iehor ikun ta' rilevanza rigward sejbien ta' htija tieghu f'dawn il-proceduri. Jinghad li kien fir-residenza ta' Laurence Gatt, precizament fuq gwardarobba tal-istess fond, li nstabet *final notice* originali tal-pakkett in kwistjoni, fejn instabet ukoll karta bl-isem ta' Norman Bezzina u zewg numri tat-telefon.

- Il-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha tghid, fost l-ohrajn, *"Dan il-fatt huwa importanti minhabba l-fatt illi dan juri illi Antonio Gatt kien jaf min hu d-destinatarju ta' dawn il-pakketti. Igifieri qatt ma tista' tingieb l-iskuza li huwa kien minghalih illi dan il-pakkett ma kien fih xejn hazin ghax kien ghal huh. Apparti mill-fatt illi l-imputat kien inghata seba' mitt lira Maltin sabiex jinhareg dan il-pakkett"* (*a fol.* 1655). Ghandu jinghad li din is-sottomissjoni ntqalet mill-Prosekuzzjoni wara li l-Prosekuzzjoni ghamlet riferenza ampja ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat Antonio Gatt (*a fol.* 293 *et seq.*) li l-Qorti diga qalet aktar il-fuq f'din is-sentenza kienet ser tigi skartata!

- Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Gauci** fl-24 ta' Frar 2010, il-Qorti tal-Appell Kriminali (*a fol.* 1508 *et seq.*) rriteniet, fost l-ohrajn, is-segwenti: *"Frankament, u wara li din il-Qorti ezaminat fid-dettall il-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti, hija temmen illi l-uniku mod ta' kif l-appellant seta' jinstab hati tar-reati addebitati lilu kien ikun bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 26(2) tal-Kapitolu 101"* (*a fol.* 1522). Wara li nghad hekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet riferenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-

kawza **The Republic of Malta vs. Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux** imsemmija aktar il-fuq f'din is-sentenza, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali msemmija qalet ukoll is-segwenti: *"Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak it-taghlim ghandu japplika wkoll f'dan il-kaz"* (*a fol.* 1523).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa f'dawn il-proceduri u, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jidhrilha li l-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat Antonio Gatt ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-element intenzjonali fir-reati ta' assocjazzjoni, importazzjoni, jew pussess aggravat ta' droga li bihom gie akkuzat Antonio Gatt permezz tal-proceduri odjerni. Bl-ebda mod ma rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Antonio Gatt kien nvolut f'xi ftehim ma' terzi persuni sabiex jitraffika u jimporta d-droga.

Illi l-fatti u cirkostanzi ndikati hawn fuq jimmilitaw kontra t-tezi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat Antonio Gatt kien jaf li l-pakkett/pakketti/ kien fih/fihom id-droga u li huwa kien involut f'assocjazzjoni ma' terzi intiza ghall-importazzjoni u traffikar tal-istess droga. Lanqas ma hemm l-icken prova li l-imputat Antonio Gatt kellu ghalfejn jissuspetta li dak/dawk il-pakkett/i kien/u jikkontjeni/u d-droga.

Illi bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Antonio Gatt. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

Illi l-Qorti jidhrilha li l-fatti u c-cirkostanzi hawn fuq imsemmija jindikaw li l-imputat Antonio Gatt gie tradut minn huh Laurence Gatt li dahak bih u dana tenut kont tal-fatt tax-xoghol li kien jaghmel Antonio Gatt u r-ragel ta' ohtu.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat Antonio Gatt ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat Antonio Gatt ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Antonio Gatt hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' frizar u sekwestru u fir-rigward ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti, liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputat Antonio Gatt gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat (salv li dawn m'humiex bzonnjuzi ghal xi proceduri kriminali ohra) u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

__________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

__________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**